IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru47 (Sebgħa u Erbgħin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn, 27 ta' Marzu, 2017, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| | Joseph Azzopardi |
| L-Uffiċjal Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

   1.1 Kulħadd preżenti u l-Laqgħa bdiet fis-5.45pm

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ttieħdu bħala moqrija.

   2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u approvati

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku

   3.1 SSTP - Is-Sur Valvo qal li beda x-xoghol fuq il-landscaping u bħalissa hemm problema bit-traffic management għaliex it-trakkijiet qiegħdin kollha jgħaddu minn Triq San Leonardu. L-alternattiva l-oħra hija li jinżlu lejn ix-xghajra u jerġgħu jitilgħu lura u toħloq aktar problemi minħabba li hemm junction perikoluża u fl-istess ħin minbarra li titwal it-triq għas-sewwieqa jkunu jridu jgħaddu minn quddiem ħafna iżjed residenti.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Li qiegħdin jgħaddu minn Triq San Leonardu qiegħed ikollna ilmenti minn żewġ residenzi. Il-Kunsill tkellem għalihom u bil-pressjoni li għamilna waqqafna li t-trakkijiet jgħaddu matul il-lejl. Għalhekk bħalissa ma jistgħux jaħdmu wara t-8pm.

Beda jkun hemm ukoll konġestjoni minħabba li bdew jintbgħatu sitt trakkijiet f'daqqa u għal dan il-każ staqsejna lilll-WSC sabiex jiġu installati traffic lights temporanji ġewwa Triq San Leonardu eżatt kif kienu għamlu meta kien qiegħed jinbena l-impjant.

B'dan il-mod il-ġdid li jaħdmu sat-8pm ix-xogħol ser jieħu aktar fit-tul u skond il-pjanijiet għandu jitlesta f'Ġunju.

Ġejna wkoll infurmati mill-WSC li l-impjant sofra ħsara li għall-kawża t'hekk beda jintrema drenaġġ fil-baħar. Dan ġara fil-weekend l-għadda u sal-Ħadd kien lest.

3.2 Progett nursery – Is-Sindku qal li l-permess ħareġ u bagħtna ninfurmaw lil public works u lill-Ministeru biex ikunu infurmati bi program ta' xogħol. Issa baqa' biss il-kwestjoni biex naraw kif ser isir il-finanzjament u min ser jagħmel ix-xoghol. In-netting u turf għandhom isiru mil-WSC. Bdejna nitkellmu mac-Chairman il-ġdid tal-WSC is-Sur Mario Zammit. Is-Sindku qal li s-Sur Zammit qallu li aħjar issir kitba ufficjali biex ikun hemm kollox dokumentat.

It-talba li isir xi tip ta' kumpens lir-residenti tax-Xgħajra fuq il-kont tad-dawl u l-ilma s'issa għada ma ntlaqatx.

3.3 Recreational Centre u Rampa – Is-Sur Valvo qal li fl-ahhar għandna bil-miktub li r-rampa ser tiġi ffinanzjata minn Transport Malta. Li jmiss irridu niftiehmu jekk ix-xogħol ux ser isir direttament bil-kuntrattur ta' TM jew tinħareġ tender mil-Kunsill u niġu rimborsati minn TM kif jitlesta x-xogħol.

Il-Kunsill tkellem mal-Perit Charles Buhagiar sabiex ilestielna l-BOQ tal-madum u l-aperturi tal-*Multipurpose Hall.* Dawn il-BOQ intbgħatu pero bħala Kunsill sar qbil li ikollna wkoll indikazzjoni ta' kemm dawn ser jiġu jiswew.

Is-Sindku xtaq jinforma lill-Kunsilliera li bħala Kunsill kellna 150 blokka tal-franka li l-Kuntrattur tal-Franċiż Anton Camilleri użhom biex itellgħa l-holding wall. Il-Kunsill ser jagħmel pressjoni biex ta' dawn niġu rimborsati.

3.4. Is-Sindku qal li l-owners tar-restaurant El Catalan għamlu pjanti bil-playingfield u bankijiet ġodda. Pero għadna nistennew sabiex niffissaw data u insejħu laqgħa.

3.5 Is-Sur Valvo qal li wara li ġibna l-istima tal-bins tal-ħmieġ tal-klieb qed naraw li ser jiġu għoljin wisq. Skond l-istimi li għandna dawn il-bins jiswew €135 –il wieħed. Għalhekk ser naraw kemm jiswew bins ordinarji u jitwaħħlulhom stickers li jindikaw li għandhom jintużaw għal ħmieġ tal-klieb.

3.6 Is-Sindku tkellem fuq il-problema ta' traffiku fil-ħin ta' dħul u ħruġ tat-tfal mil-iskola. Huwa qal li aħna tkellimna mal-pulizija li jkun hawn pero l-istruzzjonijiet l-għandhom huma li joqodu quddiem il-gate tal-iskola. Il-Kunsill qabel li niktbu lill-iSpettur sabiex naraw kif nistgħu intejjbu s-sitwazzjoni.

3.7 Road humps – Is-Sindku qal li fil-laqgħa Annwali kellna ilment li r-road hump ta' Triq l-Ispnott ftit il-fuq minn Triq il-Fabbriki qiegħda iddejjaq in-nies minħabba l-istorbju li jagħmlu l-karozzi huma u jgħaddu minn fuqha. Is-Sur Valvo qal li dik kienet saret minn TM qabel ma bdew l-Arriva. Bħala Kunsill sar qbil li niktbu lil TM u nitolbu li timxi għal aktar l-isfel fejn ma ttellifx nies.

4. Item Nru. 4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

4.1 Is-Sur Neil Attard xtaq jistaqsi jekk bħala Kunsill nistgħux ngħaddu l-art ta' madwar il-grawnd lil klabb tal-football biex din tkun tista tiġi żviluppata aħjar u minnha jagħmel investiment.

Is-Sindku u s-Sur Joseph Azzopardi qalu li huma qatt ma ġew infurmati b'dan minkejja huma fil-Kumitat tal-klabb.

Bħala Kunsill jaqbel li l-klabb iqum fuq saqajh pero irid isir aktar studju fuq din il-proposta biex ma jkun hemm l-ebda ksur ta' liġi.

4.2 Is-Sinjura Antonia Buttigieg staqsiet fuq meta ser jibda x-xogħol ta' refreshing tas-sinjali tat-toroq u d-*directional signs.* Is Segretarju informa li x-xogħol ta' marki tat-toroq ser isir mil-ħaddiema assenjati mal-Kunsill u li ser insaqsu lil Transport Malta sabiex jgħinuna bid-Directional signs.

Is-Sa. Buttiġieġ xtaqet tirrimarka li d-dawl tax-xatt ġie sabieħ ħafna u nirringrazzjaw lil Ministeru tal-Infrastruttura.

4.3 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet fuq il-lapida tal-ftuħ ta' Ġnien ix-Xatt li kellha ssir. Is-Segretarju qallha li wara kien hemm żball tat-tipa mis-*supplier* din kellha terġa issir mil-ġdid u għandha tkun lesta fil-ġimgħat li ġejjin.

4.4 Is-Sa Borġ staqsiet fuq il-ħidma tal-Perit Charles Buhagiar rigward il-proġett tal-*Multipurpose Hall.* Is-Sindku qal li l-Perit għamel il-BOQs u issa qed nistennew stima ta' kemm dawn ser jiġu jiswew sabiex ikollna gwida ċara u ma naqbżux l-ammont tal-fondi li għandna a dispożizzjoni.

4.5 Is-Sa. Borg xtaqet tirrimarka li ħadet gost li fil-laqgħa Annwali issemmha il-banju ta' fejn il-Milord pero riedet tistaqsi jekk sarx xi ħaġa dwaru. Is-Sindku qal li ser nippruvaw nitkellmu mal-Ministeru tal-Infrastruttura sabiex jitnaddaf u jiġi rranġat.

4.6 Is-Sur Joseph Azzopardi staqsa fuq il-proposta tal-laqgħa preċedenti li ssir bozza fi Triq Dwardu Ellul fejn tat-tiġieġ. Is-Sindku qal li tkellimna man-Nexos u għandhom jiġu jinstallawha.

5. Item Nru 4 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 L-iskeda ta' pagamenti b'numru 59 ġiet approvata b'astenzjoni waħda.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Dan il-punt ġie diskuss aktar kmieni.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Attivita Kulturali – Is-Sinjura Buttiġieġ infurmat lill-Kunsill li l-attivita li għaddiet fejn kellhom imorru wkoll il-Planetarium ma marrux hemm minħabba li kien għoli wisq.

IX-XGĦAJRA

7.2 Lapsi fix-Xgħajra – Ix-xogħol fuq festa Lapsi fix-Xgħajra miexi u s'issa diġa tkellimna ma' tal-Ġostra kif ukoll ma xi kantanti.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda - Aġġornament

8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.55pm

Aġġornament għat-Tlieta , 18 t' April, 2017 fil-5.30pm

IFFIRMAT

________________________

Ranier Busuttil

Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMAT

________________________

Anthony Valvo

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt